

# Xogħol minn Leli Cini fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira

Leli Cini, jew kif inhu magħruf aħjar, Leli l-Iskultur, huwa isem magħruf sew ġewwa l-Mellieħa. Ix-xogħol tiegħu f'diversi binjiet madwar il-Mellieħa huwa xempju tal-bravura u tal-kapaċità tiegħu. Biżżejjed inħarsu lejn il-Knisja Arċipretali, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u l-każini tal-baned tagħna biex nagħrfu l-ħila kbira ta' Leli fl-arti tal-iskultura.

Il-kapaċità ta' Leli hija magħrufa wkoll f'diversi bliet u irħula f'Malta u Għawdex. Huwa ġie mqabbad minn entitajiet differenti biex jagħmel xogħlijiet ta' restawr u dekorazzjoni f'postijiet ta' wirt storiku. Fost oħrajn, tul dawn l-aħħar għaxar snin, Leli kien impenjat fuq xogħol ta' manutenzjoni, restawr u tisbiħ ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Gżira. Dan sar fuq stedina tal-Kappillan tal-Parroċċa Dun Karm Tanti, u x-xogħol beda fis-sena 2006. Wara kważi għaxar snin ta' ħidma fuq dan il-proġett, nhar is-Sibt 2 ta' Lulju 2016 saret quddiesa ta' ringrazzjament ikkonċelebrata mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna biex ikun inawgurat ix-xogħol li sar.

Kif jixhdu r-ritratti li qed inwasslulkom f'dawn il-faċċati, ix-xogħol li għamel Leli fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Gżira, ta dehra ġdida lil dan il-post tant għal qalb il-parruċċani.








